

Brussell, 24 ta' Settembru 2025
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232 (COD)

12910/25
ADD 1 REV 1

CODEC 1277
ENV 849
CLIMA 343
AGRI 428
FORETS 71
RECH 393
TRANS 389

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal- Ħamrija) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar- raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja b'dan iżżid id-dikjarazzjoni hawn taħt għall-minuti mal-oġġezzjoni tagħha:

Il-ħamrija f'saħħitha hija prerekwiżit għal bosta servizzi tal-ekosistemi, bħar-raggruppamenti tal-karbonju u l-filtrazzjoni u l-ħżin tal-ilma. Tagħxi wkoll bħala lqugħ kontra l-kontaminanti, isservi bħala bażi għal dieta adegwata u tajba għas-saħħa, tippovdi l-bijomassa agrikola u tal-forestrija u tkessaħ b'mod naturali ż-żoni urbani. Huwa imperattiv li tinżamm u, fejn possibbli, tittejjeb, is-saħħa tal-ħamrija, inkluż il-kontenut tal-ħumus u l-bijodiversità tal-ħamrija. Il-kundizzjonijiet lokali fl-Istati Membri individwali huma fattur ewlieni f'dak ir-rigward. Fil-fehma tal-Ġermanja, il-proposta għal-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija, kif maqbula bejn il-Parlament Ewropew u l-Presidenza tal-Kunsill, ma tqisx b'mod suffiċjenti l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u toħloq piżijiet addizzjonali u strutturi doppji.

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

L-Iżvezja tapprezza li t-test ta' kompromess finali fil-biċċa l-kbira jissalvagwardja l-flessibbiltà u l-kontroll tal-Istati Membri. L-Iżvezja tirrikonoxxi li l-Artikolu 11 mexxa sostanzjalment f'konformità mal-pożizzjoni tal-Iżvezja bit-tfassir ta' prinċipji komuni ta' ġestjoni sostenibbli legalment vinkolanti u mat-tfassir tal-Anness III.

Madankollu, it-tfassir sottostanti tal-Iżvezja fir-rigward tad-Direttiva proposta jippersisti. L-Iżvezja għadha temmen li l-proposta ser iġġarrab kostijiet addizzjonali fir-rigward tal-benefiċċji tagħha u mhux jirnexxilha tara valur miżjud ċar li jiġġustifika l-piż amministrattiv ta' qafas komuni ta' monitoraġġ li jkun legalment vinkolanti. Il-kosteffiċjenza tal-qafas ta' monitoraġġ għadha inċerta u hemm nuqqas ta' assigurazzjoni tal-kwalità bbażata fuq l-evidenza li l-qafas propost ser ikun fattibbli u applikabbli kif xieraq għal tipi differenti ta' ħamrija. In-natura transkonfinali tas-saħħa tal-ħamrija hija limitata u hija qrib il-kompetenza nazzjonali.

It-test ta' kompromess finali jirriżulta f'Direttiva li hija eqreb għall-pożizzjoni tal-Iżvezja meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni u l-Iżvezja tista' għalhekk, fl-ispirtu ta' kompromess, taċċetta t-test ta' kompromess finali. Madankollu, l-Iżvezja tenfasizza t-tfassir imsemmi hawn fuq, kif ukoll li ma hemm l-ebda garanzija li l-qafas ser jaħdem fil-prattika.
